

# IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM TAL-ĦILIET

# TAL-MALTI GĦALL-BARRANIN

## LIVELL 7 - IS-SEBA' SENA

## ROTTA 2

**Dan il-programm ta' Rotta 2 fis-seba' sena huwa intenzjonat għal dawk l-istudenti li jkunu laħqu b'suċċess Livell 5 fil-kors tal-Induction. Il-programm ta' din ir-rotta huwa msejjes fuq il-kisbiet mill-ħiliet ta' Livell 6. Din ir-rotta tinkludi wkoll għadd ta' kisbiet minn Livell 7 biex l-istudent ikollu l-ħiliet meħtieġa sabiex isegwi l-programm li jwassal għaċ-ĊES meta jasal fid-disa' sena.**

| It-temi li madwarhom għandhom jiġu żviluppati il-kisbiet huma: | |
|---|---|
| L-iskola | Il-post fejn ngħix. |
| L-ikel | L-ilbies |
| Il-familja | L-annimali |
| Id-dar (tipi ta' djar, il-kmamar u xi nsibu fihom) | It-temp |
| Il-post u t-triq fejn ngħix | Fir-ristorant |
| Il-passatempi | Il-mezzi ta' trasport |

| | It-Taħdit |
|---|---|
| 1 | Nieħu sehem b'mod attiv f'diskussjonijiet sempliċi dwar suġġetti li jien midħla tagħhom għax tgħallimt dwarhom b'vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi. Bħal ngħidu aħna, diskussjoni dwar il-possibbiltà li f'Malta jkun hawn it-tren. |
| 2 | Nirreaġixxi b'livell bażiku u megħjun minn ġesti u pawsiet fuq suġġetti li tgħallimt dwarhom ma' kelliema nattivi. |
| 3 | Inkompli taħdita bi frażijiet u espressjonijiet sempliċi. Inwieġeb u nistaqsi mistoqsijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum u li jinkludu vokabularju mhux bażiku biss u sentenzi sempliċi u sħaħ . Eż *Kif inti sejjer? Kif qed tħossok? X'qed jinkwetak? Niltaqgħu, Narak, Sellili għal, Nibqgħu hekk, kif fthimna, Issa naraw, Kieku tajjeb! Issa sew!* |
| 4 | Nistaqsi u nwieġeb mistoqsijiet bi frażijiet u sentenzi sempliċi f'sitwazzjonijiet familjari u mhux. |
| 5 | Kapaċi nwassal messaġġ qasir ta' madwar 50-60 kelma b'vokabularju mhux bażiku u mhux f' sentenzi sempliċi marbuta ma' sitwazzjonijiet li tgħallimt dwarhom u oħrajn ġodda. |
| 6 | Nuża f'sentenzi, strutturi grammatikali li jkunu ġew mgħallma lili minn qabel. |

| | Is-Smigħ |
|---|---|
| 1 | Nifhem direzzjonijiet li jgħinuni nasal minn post għal ieħor ta' mhux aktar minn 4 punti imwassal lili b'mod ċar u bl-użu tal-ġesti/ viżiv dwar postijiet fl-inħawi tal-madwar bħal ngħidu aħna fl-iskola u fir-raħal jew belt fejn ngħix. |
| 2 | Nidentifika l-punti ewlenin ta' diskors sempliċi, artikolat b'mod ċar u bil-mod li qed jiżvolġi madwari dwar temi li nkun tgħallimt dwarhom. |
| 3 | Nidentifika s-suġġett tal-aħbarijiet ewlenin fuq ir-radju dwar temi li nkun tgħallimt dwarhom bħal ngħidu aħna aħbarijiet tal-iskola, aħbarijiet marbuta mat-temp u oħrajn. |
| 4 | Nifhem biżżejjed li nkun nista' nesprimi ruħi bil-fomm bi frażijiet qosra fuq temi li nkun tgħallimt dwarhom imwassal lili b'mod ċar u bil-mod. |
| 5 | Insegwi l-punti prinċipali ewlenin ta' diskussjoni jew konverżazzjoni qasira ta' mhux inqas minn minuta li qed isseħħ madwari, ladarba d-diskors huwa artikolat b'mod ċar, bil-mod u b'Malti standard marbuta ma' temi li tgħallimt dwarhom. |
| 6 | Nifhem biżżejjed biex insegwi taħdita, storja, lezzjoni, rapport jew silta informattiva qasira ta' madwar 180-200 kelma u li ssir bil-mod, b'mod ċar u b'pawsi twal marbuta ma' suġġett mill-ħajja tiegħi ta' kuljum. |
| 7 | Nifhem frażijiet u espressjonijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum użati frekwentament fil-ħajja ta ' kuljum Eż Kif inti sejjer? Kif qed tħossok? X'qed jinkwetak? Niltaqgħu, Narak, Sellili għal, Nibqgħu hekk, kif fthimna, Issa naraw, Kieku tajjeb! Issa sew! |
| 8 | Nifhem biżżejjed biex insegwi taħdita, storja, lezzjoni, rapport jew silta informattiva ta' bejn 230-250 kelma u li ssir bi preżentazzjoni ċara u strutturata dwar suġġetti li jien midħla tagħhom. |

| | Il-Qari |
|---|---|
| 1 | Nidentifika l-argument bażiku ta' test mibni fuq sentenzi u frażijiet qosra li jistgħu jkunu megħjuna minn stampi. |
| 2 | Naqra u nifhem artikli u rapporti magħmul minn sentenzi u frażijiet qosra li jistgħu jkunu megħjuna minn stampi marbuta mat-temi li nkun tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom li fihom il-kittieb juża opinjonijiet partikolari bħal ngħidu aħna, *il-problema tal-iskart fil-kampanja*. |
| 3 | Insib informazzjoni speċifika f'kitbiet bħal reklami, fuljetti u skedi ta' ħinijiet. |
| 4 | Nidentifika informazzjoni speċifika f'kitbiet sempliċi bħall-ittri, fuljetti u artikli qosra fil-gazzetti li jiddeskrivu avvenimenti marbuta mat-temi li nkun tgħallimt dwarhom. |
| 5 | Naqra l-ħin bħal ngħidu aħna Is-siegħa, is-sagħtejn, nofsillejl, nofsinhar, il-ħdax u nofs, it-tmienja u nofs meta f'testi ma jkunx miktub fi kliem. |
| 6 | Naqra bis-sens u b'kunfidenza f'qalbi, waħdi, fis-skiet, għall-gost u nibda nieħu l-qari bħala drawwa. |
| 7 | Nifhem stejjer qosra bi plott sempliċi u bi ftit karattri u poeżiji qosra fuq temi li tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom kif ukoll dwar temi fantastiċi li  jistgħu jkunu megħjuna minn stampi. |
| 8 | Naqra n-numri u l-prezzijiet bl-għaxriet fl-eluf Eż għoxrin elf, tletin elf , mija u għoxrin elf imwassla meta f'testi ma jkunux miktuba fi kliem. |

| | **Il-Kitba** (It-tul tal-kitba – 50 -100 kelma) |
|---|---|
| 1 | Nikteb poeżija sempliċi dwari nnifsi jew dwar ħaddieħor billi ndaħħal xi verbi jew aġġettivi jew inżid xi frażijiet fil-vojt. |
| 2 | Nikteb 10 sentenzi dwar dak li jogħġobni u jdejjaqni madwari, affarijiet li nħobb u ma nħobbx, li nixtieq nagħmel jew li nixtieq nibdel f'ħajti. |
| 3 | Nikteb paragrafu dwar oġġett tal-għażla tiegħi biex niddeskrivi l-kulur, id-daqs, l-għamla, il-piż u l-użu tiegħu. |
| 4 | Nikteb 10 frażijiet biex niddeskrivi persuna - fiżikament u bħala karattru. |
| 5 | Waqt li nikteb nuża aspetti tal-metalingwa li nkun tgħallimt minn qabel. |